MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 891/2006

**David Ellis, Karta ta' l-Identita numru 418390(M)**
**bhala Bursar fl-isem u fl-interess tal-**
**Kullegg St. Edward's**

**Vs**

**Emanuel sive Noel u Maria Therese**
**sive Marthese konjugi Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid- 9 ta' Ottubru 2006, fejn wara li gie premess illi l-konvenuti huma debituri tal-attur nomine fis-somma ta' tlett mija erbgha u sebghin Liri maltin (LM374), rapprezentanti mizati ta' "term" li gew rezi dovuti a tenur tal-Artikolu 7.1 tar-regolamenti tal-Kullegg St. Edward's stante li l-konvenuti naqsu milli jaghtu l-pre-avviz mehtieg skond l-istess artikolu li t-tifel taghhom mhux ser jattendi l-iskola izjed u

dan skond kont li jgib id-data tat-2 ta' Settembru 2004 li kopja tieghu huwa dawn anness u mmarkat Dok "A", u skond kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal fil-mori tal-kawza,u illi l-konvenuti Emanuel sive Noel u Maria Therese sive Marthese konjugi Bezzina ghalkemm interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti, u ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsu l-hawn fuq imsemmi ammont ta' Lm374 lill attur nomine.Bl-ispejjez kollha, inkluz il-Vat fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-19 ta' Settembru 2005 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut Emanuel Bezzina tat-13 ta' Novembru 2006 fejn gie eccepit illi l-konvenuti Bezzina huma legalment separati u dan kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 30 ta' Novembru 2005. Illi l-kura u kustodja tal-minuri Emmanuel sive Noel Bezzina hija fdata f'idejn il-konvenuta Maria Therese sive Marthese Bezzina, u ghalhekk ghandha twiegeb ghat-talbiet attrici u Emanuel Bezzina m'huwiex il-legittimu kuntradittur.Illi minghajr pregudizzju l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut stante li l-konvenuti taw il-pre-avviz rikjest mill-iskola u dan kif ser jigi prruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra r-**Risposta** ta' Marthese Bezzina tat-30 ta' Novembru fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fil-mertu, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez fil-konfront tal-eccipjenti stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-eccipjenti ilha legalment separata minn ma' zewgha l-konvenut l-iehor, b'effett mit-30 ta' Novembru 2005 in forza ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (sezzjoni familja) in forza ta' liema sentenza l-konvenut l-iehor gie ordnat ihallas l-ispejjez kollha konnessi mal-edukazzjoni tal-minuri illi ghalhekk l-eccippjenti mhix il-legittima kontradittur. Illi fi kwalunkwe

kaz, l-ammont reklamat mhux dovut. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha prodotti.

Ra illi fis-seduta tat-2 ta’ Frar 2007 il-partijiet qabblu illi l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta tigi trattata mal-mertu tal-kaz.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-**attur noe**. qed jitlob ghall-hlas ta’ tlett mija u erba` u sebghin Liri Maltin (Lm374) rapprezentanti l-mizata ta’ l-ewwel term ta’ l-Iskola St. Edward’s College ghas-sena skolastika 2004/5, u dana a bazi tar-regolamenti ta’ l-istess skola, partikolarment 7.2 (Dok DE 1).

Illi l-attur noe. jghid illi l-iskola qatt ma rceviet *notice* illi t-tifel tal-konvenuti ma kienx ser jibqa` jattendi l-iskola, u kienu biss rcevew ittra mill-Avukati tal-konvenuta fejn din gibdet l-attenzjoni ta’ l-iskola illi hija ma kinitx qeghda tikkonsenti ghall-hrug tat-tifel mill-iskola (Dok DE 3).

Illi Dok DE 2 juri illi r-regolamenti ta’ l-iskola qabel msemmija kienu nghataw lill-genituri konvenuti.

Illi wara diversi korrispondenza, giet notifikata lill-konvenuti ittra ufficcjali tad-19 ta’ Settembru 2005, notifikata lill-konvenuti lejn l-ahhar ta’ Settembru u bidu ta’ Ottubru 2005 (fol 26).

Illi l-**konvenuta** tghid (27.03.07) illi t-tifel inhareg mill-Kullegg St. Edward’s minghajr il-kunsens taghha u li kien ir-ragel taghha ko-konvenut illi wahdu ta’ struzzjonijiet biex binhom ma jibqax jattendi l-iskola St. Edward’s.

Illi l-**konvenut** (27.03.07) jghid illi t-tifel kien ghamel ezamijiet tal-*Common Entrance* u stante illi ma kienx

jaffordja spejjes edukattivi, baghtu fi skola ta’ l-istat gia la darba kien ghadda mill-ezamijiet. Jghid illi kien gharraf lill-iskola St. Edward’s b’dan billi kellem lis-Segretarja tal-Bursor. Jghid illi dan ghamlu wara illi t-tifel ghadda mill-ezamijiet. Dwar illi jaghti notice bil-miktub xaghrejn qabel – il-konvenut jghid illi “*sirt naf dalghodu bil-kundizzjonijiet*”.

Illi jirrizulta illi l-kundizzjonijet u r-regolamenti ta’ l-iskola kienu rcevewhom iz-zewg konvenuti u t-tnejn jgharfu l-firma taghhom fuq Dok DE 2 (fol 22), liema kundizzjonijiet it-Tribunal iqis illi jaghmlu kuntratt bejn il-partijiet.

Illi **Raymond Camilleri** mid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni (10.05.07) jghid illi r-rizultati tal-Common Entrance ghas-sena 2004 nhareg fit-22 ta’ Gunju 2004.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-Artikolu 2148 (C) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ccitat mill-konvenuta jistipula preskrizzjoni ta’ 18 il-xahar.

Illi jirrizulta mill-process u mill-provi prodotti illi nhareg kont fit-2 ta’ Settembru 2004, saret ittra ufficcjal fid-19 ta’ Settembru 2005, debitament notifikata f’Settembru/Ottubru 2005 u sussegwentement gew ntavolati l-odjerni proceduri fid-9 ta’ Ottubru 2006, sabiex b’hekk ma jirrizultax li ghadda trapass ta’ 18 il-xahar u allura l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sejra tigi michuda.

Illi r-regolament 7.1 (Dok DE 1) jipprovdi illi f’kaz illi tifel jinhareg mill- Kullegg, ghandu jinghata pre-avviz ta’ xahrejn bil-miktub lill-Head Master. Illi t-Tribunal jikkunsidra illi l-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom kienu marbutin b’din il-kundizzjoni, b’dan pero` illi ebda wahda mill-konvenuti ma ppruvaw quddiem dan it-Tribunal illi dik il-kundizzjoni giet osservata.

Illi ghalhekk qed tigi respinta wkoll it-tielet eccezzjoni tal-kovenut.

Jibqa` finalment illi t-Tribunal jiddeciedi dwar posizzjoni identika u fl-istess hin diametrikament opposta illi qed jiehdu l-konvenuti.

It-tnejn jghidu illi mhux responsabbli, anzi mhux il-legittimi kontraditturi – il-konvenut ghaliex jghid illi l-kura u l-kustodja tat-tifel kienet fdata lill-martu l-konvenuta, filwaqt illi l-konvenuta ssostni illi mhix il-legittima kontradittur ghaliex, kif ppruvat, ir-ragel konvenut kellu jaghmel tajjeb ghall-ispejjes edukattivi tat-tfal skond sentenza tal-Qorti tal-Familja.

It-Tribunal ihoss illi s-sentenza taghmel stat bejn il-partijiet u illi filwaqt illi jibqa` impregudikat kull dritt tal-partijiet fil-konfront ta’ xulxin, ihoss illi kien korrett l-attur noe., illi ghandu kuntratt maz-zewg konvenuti flimkien u in solidum bejniethom, illi jintavola l-proceduri odjerni kontra z-zewg genituri flimkien.

It-Tribunal ihoss illi fil-konfront tal-attur noe, huma z-zewg genituri flimkien responsabbli ghall-ksur tal-kundizzjonijiet u l-obbligi minnhom assunti. Dan, kif gia gie espress, minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni li tista` tispetta lill-partijiet konvenuti jew min minnhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-attur noe. s-somma ta’ tlett mija u erbgha u sebghin Liri Maltin (Lm374.00), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------